Kunsill Lokali Local Council

L-GĦASRI

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

## Laqgħa Nru. 12

L-Erbgħa 29 t'April 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri għamel din il-laqgħa permezz ta' Microsoft Teams minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti, fit-8:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • email: ghasri.lc@gov.mt • www.ghasri.com

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 12.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**12.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-11

**12.2.01** Il-minuti tal-Laqgħat Numru 11 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**12.3.01** Approvazzjoni mingħand it-Transport Malta għat-twaħħil ta' "Road Hump" fi Triq tal-Fenek. Din l-approvazzjoni ġiet bir-regolamenti u indikazzjoni ta' fejn trid tiġi mplementata.

**12.3.02** Ċirkulari Numru SPI/02/2020 Ċertifikazzjoni għal *Cat Feeders* b'rabta mal-COVID-19. Din biex tinħareġ ċertifikazzjoni fuq *letterhead* tal-Kunsill lil dawk il-*cat feeders* irreġistrati mal-Kunsill. Il-Kunsill ġie mitlub minn żewġ residenti biex jirreġistraw iżda dawn ma ġewx aċċettati mid-Dipartiment. Dan għaliex riedu ikunu diġa rreġistrati.

**12.3.03** Ċirkulari 03/2020 – Microsoft Teams® Direttiva 2/2020 tistipola li mhux mandatorju li l-laqgħa issir fl-Uffiċju amministrattiv tal-Kunsill. Din iċ-ċirkulari tigwida lill-Kunsilli kif il-laqgħa tista' ssir *online* permezz ta' Microsoft Teams®

**12.3.04** Ċirkulari 04/2020 – Allokazzjoni Finanzjarja – *Ring Fencing*. B'referenza għaċ-ċirkulari 23/2019 fejn ingħataw id-dettalji tal-allokazzjoni finanzjarja għall-2020. Permezz ta' din iċ-ċirkulari l-Kunsilli qegħdin jingħataw l-awtonomija billi qiegħed jiġi rtirat l-obbligu ta' *ring fencing* u għalhekk il-Kunsilli jistgħu jonfqu l-allokazzjoni skont il-budget li jkun imfassal mill-istess Kunsill bl-eċċezzjoni għall-voti tal-*waste tipping fees* u għall-knis ta' toroq urbani.

**12.3.05** Rapport mingħand il-*contract manager* għall-ġimgħat 9-13. Ġie nnotat li l-latrina pubblika hija magħluqa minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19. F'dan il-perjodu l-Kunsill ħa l-opportunita u qed issir tranġar u manutenzjoni fuq il-latrina pubblika.

**12.3.06** Korrispondenza mingħand l-ANSEK dwar il-proġett YouSafe.

**12.3.07** Korrispondenza mingħand l-awditur tal-Gvern dwar il-"Financial Statements 2019".

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**12.4.01** Il-Kunsilliera Sammy Saliba u l-viċi sindku Emanuel Mintoff ġibdu l-attenzjoni li hemm bżonn ta' *patching* fi Triq tal-Fanal u Triq Wied l-Għasri sal-Ġnien li għamel il-Kunsill taż-Żebbuġ. Is-Sindku qal li hemm ukoll bżonn ta' *patching* fi Triq tal-Kanun. Inġibed l-attenzjoni li l-*patching* fi Triq li tagħti għal Wied il-Mielaħ ma tkomplix.

**12.4.02** Il-Kunsill irċieva talba sabiex titranġa rampa fi Triq tal-Gallina. Din ir-rampa qatt ma tranġat wara li saret it-triq bil-konkos.

## 12.5 Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv;

**12.5.01** Il-kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv jiskadi f'dan ix-xahar. Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-kuntratt jiġi mġedded għal tlett snin oħra.

## 12.6 Approvazzjoni ta' Rapporti

**12.6.01** Business Plan (Pjan ta' Ħidma). Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**12.06.02** Audited Financial Statements - Dawn għadhom ma ġewx iffinalizzati mill-Awdituri tal-Gvern. Id-Dipartiment ġedded id-data ta' meta dawn iridu jiġu sottomessi b'erba ġimgħat.

## 12.7 Proġett u Fondi għall-*area* ta' rikreazzjoni.

**12.7.01** Is-Sindku semma l-proġett ta' rikreazzjoni. Hu qal li l-ftehim mal-Kurja kważi lest. Dan jinkludi l-*area* ta' madwar il-knisja kollha inkluż iz-zuntier, tibdil tat-twieqi tan-naħa tal-*playing field* biex ikunu *double glaze* minħabba l-istorbju li jkun hemm fil-*playing field*. Is-Sindku semma wkoll il-*bus shelter* kif ukoll ir-*roundabout*. Il-Viċi Sindku qal li qabel ma jsir xi xogħol fil-pjazza għandu jsir studju tagħha. Wieħed irid jieħu nkonsiderazzjoni il-knisja, l-iskola primarja, l-aspett kummerċjali u l-istil tad-djar li hemm fil-pjazza. Trid tiġi nnotata li l-ilma tax-xita kemm kemm jaqleb peress li d-djar qeghdin fil-baxx. Hemm ukoll xelter taħt il-pjazza. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li ma jixtieqx li l-pjazza issir triq.

**12.07.02** Is-Segretarja qalet li hi kellha laqgħa ma' uffiċċjal tal-MEUSAC u uffiċċjal tal GAGF dwar dan il-proġett. Peress li din il-miżura hija waħda turistika l-proġett irid ikun fuq bażi li jattira t-turisti u mhux kreazzjoni ta' *playing field*. Ġie ssuġġerit li jkun hemm "trail" madwar ir-raħal fejn hemm punti ta' nteress. Ma' dan ikun hemm *starting point* fejn isir il-*playing field*.

## 12.8 *Adjudication Board* għall-offerti ta' xogħol fi Triq Wied Sara

**12.8.01** L-offerta tar-*resurfacing* ta' Triq Wied Sara tagħlaq nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju, peress li din ġiet estiża minħabba li l-Korporazzjoni tal-Ilma bidlet ix-xogħlijiet li jridu jsiru. Il-Kunsill ħatar il-membri tal-bord ta' adġudikazzjoni. Dawn huma l-Avukat, Joshua Grech, il-Perit Mariella Xuereb u Fabian Galea. Dawn il-persuni kollha jafu jħaddmu s-sistemma tal-*E tenders*. L-opening staff tal-offerti ser ikunu l-librar tal-Kunsill u Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill ieħor.

## 12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta' Pagamenti;

**12.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-12 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 12.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**12.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju fis-7:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, l-Erbgħa 29 t'April 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |